Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/3208

27.12.2024

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/3208

## tal-5 ta' Diċembru 2024

## dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija fir-rigward tal-emendar tad-Deċiżjoni Nru 1/98 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija dwar ir-reġim kummerċjali għall-prodotti agrikoli billi jiġi sostitwit il-Protokoll 3 tagħha dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija [1] (il-"Ftehim") stabbilixxa l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija (il-"Kunsill ta' Assoċjazzjoni").

(2) Id-Deċiżjoni Nru 1/98 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija [2] ("Deċiżjoni Nru 1/98") tistabbilixxi r-reġim kummerċjali għall-prodotti agrikoli bejn it-Turkija u l-Unjoni.

(3) Il-Protokoll 3 tad-Deċiżjoni Nru 1/98, kif emendat bid-Deċiżjoni Nru 3/2006 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni [3] (il-"Protokoll 3"), jiddefinixxi l-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u jistabbilixxi metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva. Skont l-Artikolu 39 tal-Protokoll 3, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jista' jiddeċiedi li jemenda d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 3.

(4) Fil-laqgħa tiegħu li jmiss, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jieħu deċiżjoni li temenda d-Deċiżjoni Nru 1/98 billi tissostitwixxi l-Protokoll 3.

(5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni billi d-deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni ser ikollha effetti legali.

(6) Il-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli tal-oriġini preferenzjali pan-Ewro-Mediterranji (il-"Konvenzjoni") ġiet konkluża mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/94/UE [4] u daħlet fis-seħħ fir-rigward tal-Unjoni fl-1 ta' Mejju 2012. Din tistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar l-oriġini tal-oġġetti nnegozjati taħt il-Ftehimiet bilaterali ta' kummerċ ħieles rilevanti konklużi bejn il-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni (il-"Partijiet Kontraenti"), li japplikaw mingħajr preġudizzju għall-prinċipji stabbiliti f'dawk il-Ftehimiet bilaterali.

(7) Il-Konvenzjoni ġiet emendata bid-Deċiżjoni Nru 1/2023 tal-Kumitat Konġunt tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-Regoli tal-Oriġini Preferenzjali pan-Ewro-Mediterranji [5] (l-"emenda tal-Konvenzjoni").

(8) L-emenda tal-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2025 fir-rigward tal-Partijiet Kontraenti kollha.

---

[1] ĠU L 361, 31.12.1977, p. 29.
[2] Id-Deċiżjoni Nru 1/98 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija tal-25 ta' Frar 1998 dwar ir-reġim kummerċjali għall-prodotti agrikoli (ĠU L 86, 20.3.1998, p. 1).
[3] Id-Deċiżjoni Nru 3/2006 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija tad-19 ta' Diċembru 2006 li temenda l-Protokoll 3 tad-Deċiżjoni Nru 1/98 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija tal-25 ta' Frar 1998 dwar ir-reġim kummerċjali għall-prodotti agrikoli (ara d-dokument CE-TR 108/05).
[4] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/94/UE tas-26 ta' Marzu 2012 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli tal-oriġini preferenzjali pan-Ewro-Mediterranji (ĠU L 54, 26.2.2013, p. 3).
[5] Id-Deċiżjoni Nru 1/2023 tal-Kumitat Konġunt tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli tal-oriġini preferenzjali pan-Ewro-Mediterranji tas-7 ta' Diċembru 2023 dwar l-emendar tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli tal-oriġini preferenzjali pan-Ewro-Mediterranji [2024/390] (ĠU L, 2024/390, 19.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/390/oj).

(9) L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jipprevedi li kull Parti Kontraenti għandha tieħu l-miżuri xierqa biex tiżgura l-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni. Għal dak l-għan, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jieħu deċiżjoni li tissostitwixxi l-Protokoll 3 bi protokoll ġdid li jinkludi referenza dinamika għall-Konvenzjoni, sabiex dejjem issir referenza għall-aħħar verżjoni tal-Konvenzjoni fis-seħħ. Fin-nuqqas ta' tali referenza, l-applikazzjoni effettiva tal-emenda tal-Konvenzjoni ma tkunx żgurata, li tista' taffettwa s-sistema ta' akkumulazzjoni djagonali taħt il-Konvenzjoni.

(10) Għalhekk jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija fil-laqgħa li jmiss tiegħu, fir-rigward tal-emendar tad-Deċiżjoni Nru 1/98 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija dwar ir-reġim kummerċjali għall-prodotti agrikoli billi jiġi sostitwit il-Protokoll 3 tagħha permezz ta' protokoll ġdid li jinkludi referenza dinamika għall-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli tal-oriġini preferenzjali pan-Ewro-Mediterranji, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha u għandha tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2025.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Diċembru 2024.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

NAGY B.

ABBOZZ

# DEĊIŻJONI Nru … TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-TURKIJA

**ta'…**

**li temenda d-Deċiżjoni Nru 1/98 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija dwar ir-reġim tal-kummerċ għall-prodotti agrikoli, billi tissostitwixxi l-Protokoll 3 tagħha fir-rigward tad-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva**

Il-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-TURKIJA,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1/98 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija tal-25 ta' Frar 1998 dwar ir-reġim kummerċjali għall-prodotti agrikoli ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 39 tal-Protokoll 3 tagħha dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva,

Billi:

(1) L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Nru 1/98 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija dwar ir-reġim kummerċjali għall-prodotti agrikoli (id-"Deċiżjoni") jirreferi għall-Protokoll 3 ta' dik id-Deċiżjoni (il-"Protokoll 3 Oriġinali"), li jistabbilixxi r-regoli tal-oriġini.

(2) Il-Protokoll 3 Oriġinali ġie sostitiwit bi protokoll ġdid permezz tad-Deċiżjoni Nru 3/2006 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija ([2]) (il-"Protokoll 3").

(3) L-Artikolu 39 tal-Protokoll 3 jipprevedi li l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija ([3]) (il-"Kunsill ta' Assoċjazzjoni") jista' jiddeċiedi li jemenda d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 3.

(4) Il-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli tal-oriġini preferenzjali pan-Ewro-Mediterranji ([4]) (il-"Konvenzjoni") għandha l-għan li tittrasponi s-sistemi bilaterali eżistenti tar-regoli tal-oriġini stabbiliti fi ftehimiet bilaterali ta' kummerċ ħieles konklużi bejn il-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni f'qafas multilaterali, mingħajr preġudizzju għall-prinċipji stabbiliti f'dawk il-ftehimiet bilaterali.

(5) L-Unjoni u r-Repubblika tat-Turkija (it-"Turkija") iffirmaw il-Konvenzjoni fil-15 ta' Ġunju 2011 u fl-4 ta' Novembru 2011, rispettivament.

(6) L-Unjoni u t-Turkija ddepożitaw l-istrument tagħhom ta' aċċettazzjoni għand id-depożitarju tal-Konvenzjoni fis-26 ta' Marzu 2012 u fl-4 ta' Diċembru 2013 rispettivament. Konsegwentement, u f'konformità mal-Artikolu 10(3) tal-Konvenzjoni, il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fir-rigward tal-Unjoni u t-Turkija fl-1 ta' Mejju 2012 u fl-1 ta' Frar 2014, rispettivament.

(7) Il-Konvenzjoni ġiet emendata bid-Deċiżjoni Nru 1/2023 tal-Kumitat Konġunt tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli tal-oriġini preferenzjali pan-Ewro-Mediterranji ([5]).

(8) Għalhekk il-Protokoll 3 jenħtieġ li jiġi sostitwit bi protokoll ġdid li jinkludi referenza dinamika għall-Konvenzjoni, sabiex dejjem issir referenza għall-aħħar verżjoni tal-Konvenzjoni fis-seħħ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Protokoll 3 tad-Deċiżjoni Nru 1/98 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija dwar ir-reġim tal-kummerċ għall-prodotti agrikoli li jikkonċerna d-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva huwa sostitwit bit-test li jinsab fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU KE L 86, 20.3.1998, p. 1.
([2]) Id-Deċiżjoni Nru 3/2006 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija tad-19 ta' Diċembru 2006 li temenda l-Protokoll 3 tad-Deċiżjoni Nru 1/98 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija tal-25 ta' Frar 1998 dwar ir-reġim kummerċjali għall-prodotti agrikoli (ara d-dokument CE-TR 108/05 fuq http://register.consilium.europa.eu).
([3]) ĠU KE L 361, 31.12.1977, p. 29.
([4]) ĠU UE L 54, 26.2.2013, p. 4.
([5]) Id-Deċiżjoni Nru 1/2023 tal-Kumitat Konġunt tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli tal-oriġini preferenzjali pan-Ewro-Mediterranji tas-7 ta' Diċembru 2023 dwar l-emendar tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli tal-oriġini preferenzjali pan-Ewro-Mediterranji (ĠU UE L, 2024/390, 19.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/390/oj).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mill-ewwel jum tal-ewwel xahar wara d-data tal-wasla tal-aħħar notifika bil-miktub permezz ta' mezzi diplomatiċi, li permezz tagħhom il-Partijiet jinfurmaw lil xulxin dwar it-tlestija tal-proċeduri interni tagħhom.

Magħmul fi … , …

*Għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni*

*Il-President*

*ANNESS*

"PROTOKOLL 3

DWAR ID-DEFINIZZJONI TAL-KUNĊETT TA' 'PRODOTTI ORIĠINARJI' U METODI TA' KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA

*Artikolu 1*

***Regoli ta' oriġini***

1. Għall-fini tal-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom japplikaw l-Appendiċi I u d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Appendiċi II tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli tal-oriġini preferenzjali pan-Ewro-Mediterranji ([1]) (il-'Konvenzjoni'), kif emendati l-aħħar u ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Ir-referenzi kollha għall-'Ftehim rilevanti' fl-Appendiċi I u fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Appendiċi II tal-Konvenzjoni għandhom jitqiesu bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

***Soluzzjoni ta' tilwim***

1. Meta b'rabta mal-proċeduri ta' verifika stabbiliti fl-Artikolu 34 u 35 tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni jinqala' tilwim li ma jkunx jista' jissolva bejn l-awtoritajiet doganali li jkunu qed jitolbu l-verifika u l-awtoritajiet doganali li jkunu responsabbli għat-twettiq ta' din il-verifika, it-tilwim għandu jitressaq quddiem il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.

2. Fil-każijiet kollha, is-soluzzjoni ta' tilwim bejn l-importatur u l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż importatur għandha sseħħ skont il-leġiżlazzjoni ta' dak il-pajjiż.

*Artikolu 3*

***Emendi tal-Protokoll***

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jista' jiddeċiedi li jemenda d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll.

*Artikolu 4*

***Irtirar mill-Konvenzjoni***

1. Jekk il-Komunità Ewropeajew it-Turkija javżaw bil-miktub lid-depożitarju tal-Konvenzjoni dwar l-intenzjoni tagħhom li jirtiraw mill-Konvenzjoni f'konformità mal-Artikolu 9 tagħha, il-Komunità Ewropea u t-Turkija għandhom minnufih jibdew il-proċeduri tagħhom stess biex jidħlu f'negozjati dwar ir-regoli tal-oriġini għall-fini ta' implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

2. Sakemm jidħlu fis-seħħ dawn ir-regoli tal-oriġini nnegozjati mill-ġdid, ir-regoli tal-oriġini li hemm fl-Appendiċi I u, meta xieraq, id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Appendiċi II tal-Konvenzjoni, applikabbli fil-mument tal-irtirar, għandhom jibqgħu japplikaw għad-Deċiżjoni. Madankollu, mill-mument tal-irtirar, ir-regoli tal-oriġini li jinsabu fl-Appendiċi I u, meta xieraq, id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Appendiċi II tal-Konvenzjoni għandhom jinftiehmu bħala li jippermettu akkumulazzjoni bilaterali biss bejn il-Komunità Ewropea u t-Turkija.".

---

([1]) ĠU UE L 54, 26.2.2013, p. 4.